**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Maurice Curmi)**

**Vs**

**Nutar Peter sive Pierre Falzon**

Kaz Numru: 1305/12

Illum 12 ta' Gunju 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Nutar Peter sive Pierre Falzon, detentur ta' karta tal-identita' 535060(M):

Billi int akkuzat talli f'Dicembru 2012 u fis-snin immedjatament precedenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda; fil-kapacita' tieghek bhala Nutar Pubbliku, approprjajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' s-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Francis Borg ID 429559(M), Mary Sammut ID 448949(M) u hutha, Clint Catania ID 486183(M), Joseph

Camilleri ID 135756(M) u hutu u Keith Grima ID 359786(M), u/jew il-Gvern ta' Malta, ai termini tal-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, ikkommettejt tali reat, filwaqt li kont ufficjal jew impjegat pubbliku, b'hekk sirt hati ta' reat li int kellek tissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghek kellek id-dmir li timpedixxi, ai termini tal-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

1. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
2. Fl-artikoli 17,31, 141, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja

Semghet ix-xhieda.

Rat li l-imputat fis-seduta tat-3 ta' April 2019 irregistra ammissjoni u li huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li nghata zmien jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, il-fedina penali tal-imputat u c-cirkostanzi tal-kaz. Inoltre' qeghda tikkunsidra l-fatt li l-imputat diga' hallas parti mill-

ammonti li huwa approprja indebitament minn uhud mill-parte civile. Il-Qorti tqis li ghandha timponi piena ta' sentenza ta' prigunerija li ghandha tigi sospiza u inoltre' se tordna l-hlas li ghadu dovut lil uhud mill-parte civile ossija lil Clint Catania[1] u lil Mary Sammut u hutha[2].

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 141, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal erba' (4) snin.

Inoltre' a tenur tal-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €13,100 lil Clint Catania u l-ammont ta' €9,456 lil Mary Sammut u hutha ad eskluzjoni ta' Martha Gatt u Saviour Cutajar billi l-ammont gie saldat u dan fi zmien erba' snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**

[1] L-ammont ta' €13,100
[2] L-ammont ta' €13,417